**IL-KREDU TA’ L-APPOSTLI.**

**Jiena nemmen f’Alla,**

**il-Missier li jista’ kollox**

**Li ħalaq is-sema u l-art,**

**U f’Ġesu Kristu,**

**Ibnu wieħed Sidna;**

**li kien konċeput mill-Ispirtu s-Santu.**

**Twieled minn Marija verġni,**

**Bata taħt il-ħaqq ta’ Ponzju Pilatu,**

**sallbuh, miet u difnuh,**

**nizel il-Limbu, mat-tielet jum qam minn bejn l-imwiet;**

**tala’ fis-smewwiet;**

**qiegħed in-naħa tal-lemin t’Alla l-Missier**

**li jista’ kollox;**

**minn hemm għandu jiġi biex jagħmel ħaqq**

**għall-ħajjin u għall-mejtin.**

**Nemmen fl-Ispirtu s-Santu,**

**Il-Knisja Mqaddsa Kattolika,**

**ix-Xirka tal-Qaddisin,**

**il-maħfra tad-dnubiet,**

**il-qawma ta’ l-imwiet,**

**il-ħajja ta’ dejjem.**

**AMEN.**